MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 82/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Lawrence Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Dicembru 2008, Jannar, 2009 u Frar 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Valene Mifsud u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta’ Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju huwa principju fundamentali tas-sistema legali taghna illi ma ahniex marbutin bil-precedent, huwa veru li l-precedent fil-kwistjonijiet gudizzjarji ghandhom jintuzaw bhala gwida w huma ferm utili, pero’ dik il-gwida trid tittiehed fil-meriti tas-sitwazzjoni relattiva ghaz-zminijiet ta’ dik id-decizjoni. Il-kuncett ta’ precedent huwa san, izda kif gharfu ta’ qabilna dan il-kuncett mhux san jekk ikun tant rigidu li bih jorbtu l-futur injot. Principju li l-Qrati taghna dejjem haddmu gelozament u ghal ragunijiet ovvji li z-zminijiet jinbidlu u daqstant iehor jinbidlu c-cirkostanzi. Fiz-zmien tal-lum huwa aktar facli li jsiru l-verifiki necessarji u filwaqt li qatt ma kien u ma hux u ma ghandux ikun li l-Qrati Kriminali iservu bhala Qrati revizuri tal-Qrati Civili, daqstant iehor ma ghandux ikunu l-Qrati Kriminali marbutin b’decizjonijiet li l-bazi taghhom illum inbidlet u ma ghadhomx aktar possibbli li jigu imwettqa ghal raguni mhux imputabbli lill-persuna koncernata. B’dan jinghad li persuna tispicca bla xoghol, ghax tirtira huwa punto di vista mod u dik ic-cirkostanza fejn persuna titlef l-impjieg minhabba sitwazzjoni ekonomika prekarja huwa iehor. Tant huwa hekk li l-legislatur haseb ukoll ghal min jghix hajja ta’ vagabundagg u jhalli lil-familja nieqsa;

2. Illi t-tieni aggravju jikkonsisti filli dan l-istat ta' fatt ta' impossibilita' adempjenza ghall-obbligi assunti huwa stat ta' fatt inekwivokabbli, u cioe' li l-appellant ma jista' bl-ebda mod legali jonora l-obbligi fuqu mposti. Dan l-istat ta' fatt gie hekk rez tortta' terzi, fosthom l-istess kwerelanti f'dan il-kaz. L-appellant ghandu obbligu li jhallas flus li llum, parti in tort tal-istess debitrici kawzat mill-mandati etc, qieghed fl-impossibilita' li jhallas. Ghaldaqstant l-appellant ma ghandux ihallas il-piena in massima legali ta' privazzjoni tal-liberta', b'mod raggirattiv akkuzat minn min jahti ghal inadempjenza tieghu;
3. Illi bla pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, it-tielet aggravju jikkonsisti filli ghalkemm ir-reat adebitat huwa dak kontravenzjonali, u ma hemmx htiega li tigi pprovata l-mens rea, dan ir-reat ghandu hafna minn natura ta' delitt ghaliex jirrikjedi l-konoxxenza ta' pbligazzjoni u in-nuqqas ta' tharis ta' dik l-obbligazzjoni b'mod li huwa kriminalment responsabbli (in criminalibus). Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li dejjem gie ritenut li ma hemmx bzonn li tigi ppruvata il-mens rea fil-kazijiet kontravenzjonali, gie dejjem ukoll ritenut fl-istess kamp kontravenzjonali li l-prova in kontrarjo u cioe' tal-piena inkontrollabalita tas-sitwazzjoni tista' tiskolpa lill-appellant, ezempju car huwa dak li tieqaflu l-karozza f'nofs it-triq minhabba hsara ikkagunata f'incident tort ta' terz. Dan ma jinghatax xitazzjoni talli pparkja l-vettura f'nofs it-triq jew talli ingombra l-passagg liberu, izda jinghata dik il-fakolta' li jnehhi tali vettura minghajr ma jinkorri penalita' kriminali. Dan ghandu jinghad li s-sitwazzjoni prezenti hija dik analoga billi n-nuqqas ta' adempjament tal-appellant huwa kkagunat minn terzi u ghaldaqstant ma jistax jinstab hati kriminalment ta' tali nuqqas.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-akkuza giet ampjament ippruvata. L-appellant naqas illi jhallas il-manteniment dovut minnu ghal tliet (3) xhur konsekuttivi u cioe' ghax-xhur ta' Dicembru ta' l-elfejn u tmienja (2008) u Jannar u Frar ta' l-elfejn u disgha (2009). Kien biss for mori ta' dan l-appell meta Verbal ta' l-ghoxrin (20) ta' Mejju ta' l-elfejn u hdax (2011) gie iddikjarat illi l-appellant hallas ic-cifra ta' €568

dovut ghat-tliet (3) xhur mertu ta’ din il-kawza. Dan il-hlas sar wara li l-Qorti Civili sezzjoni familja f’Sentenza illi nghatat fit-tnejn (2) ta’ Frar ta’ l-elfejn u hdax (2011) fil-konfront tal-partijiet bidlet ir-regim finanzjarju tal-partijiet inkluz il-pagament tal-manteniment.

Il-parti civili filwaqt li rrikonoxxiet illi rciviet dan l-ammont qalet illi s-Sentenza tal-Qorti tal-Familja ma bidlet xejn peress li l-appellant ma kienx affidabbli. Kien gie kkundannat diversi drabi mill-Qorti tal-Magistrati dejjem fuq nuqqas ta’ hlas tal-mantanement u jhallas biss meta jkun rinfaccat mill-habs. Dan l-argument jista’ jreggi u m’hemmx dubbju illi kien primarjament f’mohh l-ewwel Qorti meta ghaddiet biex timponi piena karcerarja effettiva fuq l-appellant. Pero’ din il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt illi l-pagament sar u kif ghamlet din il-Qorti fil-kawza Il-Pulizija vs Publius Said deciza fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru ta’ l-elfejn u tlieta (2003) “l-iskop tal-legizlatur, meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1993 (b’emmenda tan-1996) kien li ssir pressjoni fuq id-debitur rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur ta’ l-ordinijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta’ stipulazzjonijiet kontratwali bejn il-konjugi. F’dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta’ temperament fil-piena . . .”

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell, illi pero’ tvarja s-Sentenza appellata fis-sens illi fil-waqt illi filwaqt tikkonferma fejn sabet il-htija u l-impozizzjoni tal-piena tordna wara li rat l-Artiklu 28(a) tal-Kodici Kriminali illi dak it-terminu ta’ xahrejn detenzjoni jkun sospiz ghal perjodu ta’ sentejn millum.

Il-Qorti qed tfisser lill-hati fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------